# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tas-47 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 10 ta' Ottubru 2022 fl-4:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Henry Zaffarese | Viċi-Sindku (telaq 4.55pm) |
| Jonathan Dingli | Kunsillier (telaq 5.15 pm) |
| Owen Sciberras | Kunsillier (mill- 4.30 pm) |
| Raymond Decelis | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

47.01 **Talba**

47.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

47.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

47.02.01 Is-D.S.E. nforma li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

47.03 **Jum l-Imqabba 2022**

46.03.01 Is-Sindku tat-dettalji dwar l-attivitajiet relatati ma' Jum l-Imqabba 2022 :

Il-Ġimgħa 21 ta' Ottubru issir żjara fl-Iskola Primarja tar-raħal fejn it-tfal jingħataw lapes bl-arma tar-raħal. Fil-għaxija fil-Pjazza ser tittella' l-Opera fil-Pjazza.

Is-Sibt 22 ta' Ottubru fil-għodu ser tittella' attività sportiva fil-Pjazza li ħadu ħsiebha l-Kunsillieri Sciberras u Decelis. Huma infurmaw li għalkemm kienet saret stedina lill-għaqdiet kollha tar-raħal sabiex jipparteċipaw f'din l-attività, Mqabba FC u MUSEUM ma bgħatux rappreżentant tagħhom għal laqgħat però l-Kunsillier Decelis informa li kien għadu qed jispera fil-parteċipazzjoni ta' Mqabba FC. Ġie ssuġġerita li jkun hemm *Bouncy Castle* u dan ġie approvat.

Is-Sibt fil-għaxija ser ikun hemm il-kunċert ta' Ġieħ l-Imqabba fis-Sala tal-Iskola Primarja u l-banda ser tkun dik tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Il-*comperes* ikkonfermaw l-attendenza tagħhom filwaqt li c-*Chairperson* tal-Bord tal-Għażla ta' Ġieħ l-Imqabba ser tkun qed tippreżenta din il-parti taċ-ċerimonja.

Il-Ħadd 23 ta' Ottubru, Jum l-Imqabba, jibda b'quddiesa fit-8.30 ta' fil-għodu wara titqgħied kuruna tar-rand taħt il-lapida fuq iz-zuntier li tfakkar il-vittmi tal-Gwerra. Wara l-Kunsillieri ser iżuru l-każini tar-raħal filwaqt li fil-Pjazza ser ikun hemm l-esebizzjoni ta' karozzi Amerikani u muturi.

Kien hemm qbil li l-Pjazza tingħalaq għat-traffiku bejn il-Ġimgħa f'nofsinhar u l-Ħadd fis-2.00 ta' wara nofsinhar.

Is-Sindku pproponiet li dawn il-persuni jingħataw rikonoxximent għal dak li wettqu fil-qasam rispettiv tagħhom matul din l-aħħar sena : Warren Grech (żwiemel), Tammy Falzon (football), Alishia Falzon (immudellar), Saviour Pace (*Special Olympics*), Il-Kamra ta' Fuq (rebħu unur għall-aħjar programm). Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Hija qalet illi jekk xi ħadd jiftkar f'xi ħadd ieħor, iressaq l-isem malajr kemm jista' jkun.

***Il-Laqgħa ġiet sospiża bejn l-4.45 pm u l-4.53 pm sakemm id-DSE qara r-rapport tal-Bord tal-Għażla.***

Meta tkompliet il-laqgħa, dawk preżenti approvaw id-deċiżjoni tal-Bord li s-Sur Carmel Ellul jingħata Ġieħ l-Imqabba 2022 flimkien mal-Onor. O. Farrugia MP bħala ex-Sindku hekk kif jistipulaw ir-regolamenti. Iż-żewġ nominati l-oħra : Peter Abdilla u l-Kamra ta' Fuq ser jingħataw l-Unur tal-Mertu 2022.

47.04 **Bandla fi Ġnien Tfal ir-Ratal**

47.04.01 Is-Sindku spjegat li s-Sibt li għadda kienet irċeviet telefonata mingħand il-Viċi Sindku fejn dan infurmaha li kien irċieva telefonata mingħand il-Kunsillier Decelis fejn dan tal-aħħar spjegalu li kien tkellem mal-President tal-AKL u dan informah li suppost li kien sar rapport mal-Pulizija u l-affarijiet kienu jimxu min naħa tagħhom. Hija irrijaffermat id-deċiżjonijiet li ħa l-Kunsill bejn il-laqgħat wara l-laqgħa li kienet saret mal-ġenituri tat-tfal involuti. Qalet ukoll li dak deċiż kollu kien se jkun irrattifika waqt din il-laqgħa u allura fl-ebda ħin hija ma kisret il-liġi anke għal fatt li lanqas laqgħa b'urġenza ma setgħet tissejjah peress illi m'għandniex Segretarju u s-Deputat Segretarju kien imsiefer. Għamlet referenza wkoll għal laqgħa li kienet saret il-Ġimgħa fejn hija kienet talbet vot ta' kif se nkunu qed nipproċedu u dan ġie 3 favur u 2 le, liema vot kellu jiġi rratifikat waqt din il-laqgħa wkoll. Il-Kunsillier Sciberras qal li kien hemm ammissjoni minn qarib ta' tifel kif ukoll talba sabiex il-ġenituri jitkellmu mas-*supplier* u jiġu lura b'deċiżjoni dwar kif ser inkomplu sal-Ġimgħa li għaddiet. Wara diskussjoni, ġie deċiż li rapport lill-Pulizija ma jsirx imma għandna niktbu lill-ġenituri u nitolbuhom risposta sa nhar il-Ġimgħa li ġejja. Il-Kunsillier Dingli esprima t-tħassib tiegħu dwar kemm veru l-ħsara ġiet ikkaġunata mit-tfal filwaqt li l-Kunsillier Decelis qal li huwa hu kontra li terġa ssir laqgħa mal-ġenituri tat-tfal.

47.05 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

47.05.01 Il-laqgħa ntemmet fil-5:20 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 10 ta' Ottubru fil-5:30 pm

Konfermati illum it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2022.

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Fabian Mizzi |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |